KONSULTAZZJONI



# RIFORMA
## MIDJA SOĊJALI

**Inħarsu t-tfal u persuni vulnerabbli**

riformi familja

# DAĦLA

## Il-pjattaformi tal-midja soċjali bidlu l-mod kif nikkomunikaw ma' xulxin, niksbu l-informazzjoni u anke nesprimu ruħna ma' ħaddieħor u lejn ħaddieħor.

A

## Filwaqt li m'hemm ebda dubju li l-midja soċjali serviet ta' għodda importanti u ħalliet effetti pożittivi, qed tiżdied evidenza li turi sfidi sinifikanti li jeħtieġu attenzjoni.

Hemm gruppi partikolari fis-soċjetà li jaffaċċjaw vulnerabbiltajiet partikolari fosthom it-tfal. Ir-riċerka tirreferi għall-użu eċċessiv tal-midja soċjali, b'impatt mifrux fuq is-saħħa mentali bħal livelli għolja ta' ansjetà u dipressjoni kif ukoll l-iżolament u l-imġieba anti-soċjali.

Is-sistemi wżati minn ħafna minn dawn il-pjattaformi bħall-algoritmi, iwasslu għal scrolling infinit u sigħat twal fuq dawn il-pjattaformi.

Gvernijiet madwar id-dinja qed jirrispondu għal dawn ir-realtajiet ġodda permezz ta' qafas regolatorju. Kien hemm min irrestrinġa l-età ta' dawk li jistgħu jaċċessaw dawn il-pjattaformi u oħrajn għadhom qed jiddiskutu l-kwistjoni.

Ir-regolamentazzjoni tal-aċċess għall-midja soċjali tista' tgħin ukoll fil-prevenzjoni ta' abbuż sesswali fuq it-tfal.

L-Unjoni Ewropea wkoll qed tagħti importanza lil dan is-suġġett. Għalhekk huwa importanti ħafna li Malta ssegwi dawn l-iżviluppi. L-Att dwar is-servizzi diġitali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi obbligi ġodda maħsuba biex iżidu l-kontabbiltà tal-pjattaformi u l-protezzjoni ta' dawk li jużawhom. Taħt dan l-att kienu pubblikati linji gwida dwar il-protezzjoni tal-minuri[1].

[1] *https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52025XC05519*

Ma' dan ittieħdu u qed jittieħdu diversi inizjattivi oħra fuq livell Ewropew, fosthom il-panel ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-midja soċjali. Dan ġie stabbilit biex jagħti pariri indipendenti dwar il-governanza tal-pjattaformi u jivvaluta r-riskji sistematiċi u jagħmel rakkomandazzjonijiet; l-AI Act li provda l-ewwel regolament komprensiv dwar l-AI fid-dinja, id-Direttiva Riveduta dwar is-servizzi tal-midja awdjoviżiva aġġornata sabiex testendi l-istandards tal-midja tradizzjonali għall-pjattaformi diġitali u l-istrateġija Ewropea bit-tema Better Internet for Children fost oħrajn.

Id-dokument ippubblikat mill-Gvern Malti Children's Policy Framework 2024-2030[2] ukoll jirreferi fid-dettall għar-realtà li d-dinja diġitali saret parti integrali minn ħajjet it-tfal illum u jitkellem dwar il-ħtieġa li jkun offrut spazju iktar sigur, fejn ikun ikkunsidrat l-impatt fuq is-saħħa tat-tfal. Dan f'konformità mal-konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar id-drittijiet tat-tfal (UNCRC) li tirrikonoxxi d-dritt tat-tfal għall-aċċess għall-midja u informazzjoni flimkien ma' parteċipazzjoni f'deċiżjonijiet li jaffettwaw lilhom bil-prinċipju ewlieni jkun dejjem l-aħjar interess tat-tfal.

It-tfal għandhom ikunu mħarsa mill-effetti negattivi tal-midja soċjali, fl-istess waqt irridu naraw li dawn ma jitilfux il-vantaġġi tal-ħiliet diġitali.

Din il-Green Paper qed tkun ippubblikata bil-għan li tfittex il-fehmiet u l-aspettattivi tiegħek dwar kif għandna nindirizzaw l-impatt tal-midja soċjali fuq is-soċjetà, partikolarment fost il-minuri. Tirrikonoxxi wkoll ir-realtà li l-iżviluppi teknoloġiċi huma kontinwi u għalhekk kontinwament qed jiżdiedu realtajiet ġodda. Tirrikonoxxi wkoll il-valur li dan is-suġġett ikun diskuss u indirizzat fuq livell ta' Unjoni Ewropea, fejn Malta wkoll trid tibqa' tagħti s-sehem attiv tagħha.

Il-ħsibijiet tiegħek se jkunu kkunsidrati fit-tfassil ta' politika li għandha l-għan li tħares lill-utenti vulnerabbli mingħajr ma toħnoq il-benefiċċji leġittimi li jipprovdu dawn il-pjattaformi.

[2] *https://familja.gov.mt/wp-content/uploads/2024/11/ChildrensPolicyFramework2024-2030-EN.pdf*

**Il-pjattaformi huma diversi u għalhekk huwa wkoll tajjeb li wieħed jiddefinixxi x'nifhmu bil-kelma midja soċjali u frażijiet relatati.**



# X'NIFHMU B'MIDJA SOĊJALI?

# Hawn taħt qed ikun provdut Glossarju ta' Termini.

**Midja Soċjali (Social Media).**
Pjattaformi onlajn li jippermettu lill-utenti jaqsmu kontenut, jitkellmu u jinteraġixxu ma' xulxin. Eżempji: Facebook, Instagram, TikTok, YouTube u X (Twitter).

**Pjattaforma Diġitali.**
Servizz onlajn li joffri spazju għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, komunikazzjoni u attivitajiet soċjali.

**Kontenut Onlajn.**
Kull tip ta' informazzjoni li tidher fuq l-internet bħal ritratti, posts, vidjows, kummenti jew messaġġi.

**Algoritmu.**
Sett ta' regoli kompjuterizzati li jiddeċiedu x'inhu l-kontenut li jidher fuq il-feed tiegħek ibbażat fuq dak li tfittex, tħobb, issegwi jew taqsam.

**Scrolling Infinit.**
Funzjoni li tippermetti li kontenut ġdid jibqa' jidher bla waqfien u tista' twassal għal ħafna sigħat ta' użu kontinwu.

**Minuri.**
Persuna li ma tkunx għalqet it-18-il sena.

**Verifika tal-Età.**
Proċess sabiex jiġi kkonfermat l-età tal-persuna qabel ma toħloq kont fuq il-midja soċjali jew tuża waħda mill-pjattaformi.

**Sigurtà Onlajn.**
Prattiċi u miżuri li jgħinu sabiex l-utenti jiġu protetti minn abbuż, kriminalità diġitali u kontenut li jista' jagħmel il-ħsara.

**Cyberbullying.**
Fastidju, intimidazzjoni jew umiljazzjoni li ssir permezz tal-internet jew applikazzjonijiet oħra ta' komunikazzjoni.

**Cyberstalking.**
Segwitu jew sorveljanza persistenti ta' persuna onlajn b'mod li joħloq biża', pressjoni jew ansjetà.

**Grooming Onlajn.**
Meta adult jipprova joħloq relazzjoni ta' fiduċja ma' minuri bil-għan li jisfruttah jew jagħmillu l-ħsara.

**Sexting.**
Il-kondiviżjoni ta' ritratti jew messaġġi intimi permezz tal-midja diġitali. Meta jinvolvu minuri jista' jkun illegali u ta' ħsara serja.

**Saħħa Mentali.**
Il-benesseri emozzjonali u psikoloġiċi. Użu eċċessiv tal-midja soċjali jista' jikkontribwixxi għal ansjetà, dipressjoni u pressjoni soċjali.

**Litteriżmu Diġitali.**
Il-kapaċità li wieħed juża l-internet u t-teknoloġija b'mod sigur, responsabbli u kritiku, inkluż kif nagħrfu kontenut falz jew manipulat.

**Kontenut Iġġenerat mill-AI.**
Kontenut bħal stampi, vidjows jew testijiet li jinħolqu awtomatikament minn sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali. Xi drabi jista' jidher reali iżda jkun irranġat jew falz.

**Digital Services Act (Att dwar is-Servizzi Diġitali).**
Liġi tal-Unjoni Ewropea li tirregola pjattaformi onlajn sabiex tiżdied it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-protezzjoni tal-utenti.

**BeSmartOnline.**
Iċ-Ċentru ta' Malta għal internet aktar sigur li joffri għajnuna u informazzjoni dwar sigurtà onlajn għall-familji, tfal u edukaturi.

## mistoqsijiet

# Int tifhem xi affarijiet oħra bil-kelma midja soċjali?

# Jekk iva, tista' tagħti xi eżempji?

# X'QED ISIR F'MALTA

**L-aħħar snin raw l-awtoritajiet Maltin jieħdu diversi passi bil-għan li jkollna ambjent iktar sigur onlajn.**

## Fost oħrajn dawn jinkludu inizjattivi leġiżlattivi, edukattivi u ta' infurzar.

Fost oħrajn;

- Kienu aġġornati l-liġijiet dwar is-cyberstalking u s-cyberbullying fejn saru reati speċifiċi, b'pieni sostanzjali magħhom.
- Kien irratifikat l-Ewwel Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest fl-2025 biex jiġġieled il-mibegħda u d-diskriminazzjoni onlajn.
- L-Awtorità tal-Komunikazzjonijiet ta' Malta (MCA) qed tikkordina l-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali tal-Unjoni Ewropea.
- Kienet ġiet ippubblikata l-Istrateġija Nazzjonali dwar is-Siġurtà Ċibernetika 2023-2026[3], li tibni fuq l-istrateġija oriġinali tal-2016 sabiex tindirizza t-theddid ċibernetiku li qed jiżviluppa.
- BeSmartOnline iservi bħala ċ-Ċentru Uffiċjali ta' Malta għal internet aktar sigur permezz ta' sħubija bejn diversi entitajiet.
- Permezz tal-Helpline 179 illi topera erbgħa u għoxrin siegħa kuljum ikun provdut appoġġ għal kwistjonijiet inkluż cyberbullying, sexting, grooming u l-użu eċċessiv tat-teknoloġija.
- Is-Cyber Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija qed tibqa' tissaħħaħ bil-għan li tkun lesta għar-realtajiet ġodda u l-istrateġija Safer Communities, Smarter Policing Malta Police Corporate Strategy 2025-2030[4] tirrikonoxxi b'mod sostanzjali r-realtà tad-dinja virtwali.
- Qed isir emfasi fuq il-litteriżmu diġitali, tant li kienet ippubblikata wkoll l-istrateġija Digital Education Strategy 2025-2030[5].

Jibqa' l-fatt li filwaqt li dawn l-inizjattivi huma tal-ikbar importanza, għad hemm lok li jkunu ikkunsidrati inizjattivi oħra.

3 https://economy.gov.mt/wp-content/uploads/2023/05/National-Cyber-security-2023-2026.pdf
4 https://pulizija.gov.mt/wp-content/uploads/2025/09/Corporate-Strategy-2025-2030.pdf
5 https://education.gov.mt/wp-content/uploads/2025/03/NS_DDLTS-25_Eng-NOBLEED.pdf

**F'dan il-kuntest, il-Gvern qed jesplora x'għandhom ikunu l-passi li jmiss.**

# IL-PASS LI JMISS

Il-Gvern qed jikkunsidra l-passi li jmiss bil-għan li jindirizza dak imsemmi fl-għanijiet ta' din il-Green Paper.

Il-Pjan Soċjali għall-Familja ppubblikat fl-2025[6] jgħid li għandhom;

## Jibdew diskussjonijiet dwar l-infurzar ta' restrizzjonijiet tal-età għall-użu tal-midja soċjali, b'emfasi fuq miżuri biex jitnaqqas l-aċċess għat-tfal ta' taħt it-13-il sena, u l-esplorazzjoni ta' mekkaniżmi effettivi ta' sorveljanza u infurzar f'kollaborazzjoni mal-ġenituri u partijiet interessati oħra rilevanti.

Fid-9 ta' Ottubru 2025 permezz tas-Segretarjat Parlamentari għall-Ugwaljanza u r-Riformi, tħabbar it-twaqqif ta' kumitat tekniku biex iħejji rapport b'rakkomandazzjonijiet lill-Gvern dwar din it-tema.

Ix-xogħol tal-kumitat għandu jkun implimentat b'konsultazzjoni ma' ċittadini, esperti, organizzazzjonijiet, akkademiċi u professjonisti minn diversi oqsma fost oħrajn.

**Dan id-dokument qiegħed ikun ippubblikat bil-għan li joffri pjattaforma sabiex il-pubbliku jkun jista' jgħid tiegħu f'dan il-mument ta' tfassil ta' regolamenti dwar dan is-settur inkluż fl-Unjoni Ewropea.**

**Qed jitpoġġew numru ta' mistoqsijiet sabiex kulħadd ikun mistieden jgħid tiegħu dwarhom jew uħud minnhom, jew saħansitra dwar temi oħra relatati li jmorru lil hinn minn dawn id-domandi.**

[6] https://family.gov.mt/wp-content/uploads/2025/05/SocialPlanFamily2025-2030DocumentEN.pdf

## mistoqsijiet

Kif għandha tissaħħaħ ir-regolamentazzjoni fil-qasam tal-aċċess u l-użu tal-midja soċjali?

X'taħseb dwar il-limiti ta' età u aċċess attwali għall-midja soċjali skont il-pjattaformi (normalment 13-il sena)?

Għandu jkun hemm sistema obbligatorja ta' verifikazzjoni tal-età għall-pjattaformi tal-midja soċjali?

X'miżuri speċifiċi jistgħu jittieħdu sabiex jindirizzaw l-impatt tal-midja soċjali fuq is-saħħa mentali, b'mod partikolari l-ansjetà u d-dipressjoni fost iż-żgħażagħ?

X'sanzjonijiet għandu jkun hemm fir-rigward ta' kontijiet fuq dawn il-pjattaformi taħt l-etajiet stabbiliti? Jekk iva, x'tip?

X'miżuri addizzjonali għandhom jittieħdu sabiex jipproteġu t-tfal u l-adoloxxenti minn kontenut dannuż?

Għandhom jissaħħu s-sistemi ta' verifikazzjoni sabiex ma jkunx hemm profili foloz?

Il-pjattaformi għandhom jintalbu jipprovdu twissijiet jew limitu ta' ħin għall-utenti dwar l-użu tagħhom?

Ċerti pjattaformi tal-midja soċjali diġà joffru għodod ta' sigurtà bħal Teen Accounts fuq Instagram, Messenger Kids, kif ukoll funzjonijiet bħal Restricted Mode u Family Pairing fuq TikTok. Inti taf b'dawn l-għodod, u tuża (jew xi ħadd li taf li juża) dawn l-għodod bħalissa?

Flimkien mal-inizjattivi li diġà jeżistu kif nistgħu nkomplu nsaħħu l-litteriżmu diġitali fost it-tfal u l-anzjani, il-ġenituri, in-nanniet u l-edukaturi?

X'jista' jsir sabiex jiffaċilità li tfal jew ġenituri jirrapportaw aħjar it-tħassib jew suspetti dwar abbuż sesswali ta' tfal onlajn?

Hemm prattiċi tajbin minn pajjiżi oħra li Malta tista' tadotta, u jekk iva liema huma?

Għandek xi suġġerimenti oħra għat-titjib tas-sigurtà onlajn filwaqt li jiġu ppreservati l-benefiċċji tal-midja soċjali?

# GĦID TIEGĦEK

**Tista' tieħu sehem f'din il-konsultazzjoni pubblika permezz ta' sottomissjoni sas-27 ta' Frar 2026 fuq**

**publicconsultation.gov.mt**

riformi familja